Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 63/2016/1

**Brian Aber (appellant)**

**Vs**

**Transport Malta (appellat)**

30 ta' Lulju, 2018.

1. Fil-5 ta' Settembru, 2016 l-appellant harrek lill-intimata fejn ilmenta minn decizjoni tal-appellata li biha rrevokatlu t-tag ta' xufier ta' taxi ghaliex ma kienx ghadu jissodisfa l-kundizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba skont regolament 11A(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.59. Dan wara li b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-6 ta' Lulju, 2016 kien instab hati li:

   *"1. Minghajr hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Bruno de Bon fil-periklu car, ikkagunalu griehi ta' natura gravi, hekk kif iccertifikaw Dr Caroline Jarte M.D. u Dr Robert Patinott M.D;*
   *2.Aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Marie de Bon, hekk kif iccertifika Dr Robert Patinott M.D".*

2. Jirrizulta li l-appellant kien ammetta l-imputazzjonijet u l-qorti kkundannatu ghal sentejn prigunerija sospizi ghall-perjodu ta' tlett snin.

3. B'sentenza tat-3 ta' Ottubru, 2017 it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva cahad it-talba tal-appellant wara li kkunsidra li fis-sentenza tas-6 ta' Lulju, 2016 il-qorti ghamlet riferenza ghall-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali u qal, *"Ladarba fis-sentenza tas-6 ta' Lulju, 2016 ir-rikorrent gie misjub hati anke taht l-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali, ftit kien hemm x'tista' taghmel l-Awtorita hlief li tipprocedi biex tirrevoka l-istess tag".* Id-decizjoni tat-Tribunal kienet bazata fuq dak li jipprovdu regolamenti 11(1) u 11A tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.59:

   *"Illi ai termini tar-Regolament 11 (1), fost il-kundizzjonijiet li persuna trid tissodisfa biex l-Awtorita` tohrog permess ta' xufier ta' taxi hemm li l-persuna trid tkun ta' "reputazzjoni u kondotta tajba". Illi mbaghad Regolament 11A jaghti elenku shih ta' istanzi fejn persuna ma titqiesx li ssodisfat il-kriterju ta' reputazzjoni u kondotta tajba. Fost dawn insibu c-cirkostanza fejn persuna tinstab hatja ta' reat ai termini tal-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali, u cioe` r-reat ta' offiza gravissima fuq il-persuna. Istanza ohra hija meta persuna tinsab hatja ta' reat u tigi kkundannat perjodu ta' prigunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali ikun gie sospiz. F'dan*

*l-ahhar kaz il-persuna misjuba hatja tkun ikkunsidrata li ma tissodisfax il-kriterju ta' reputazzjoni u kondotta tajba ghal dak il-perjodu ta' żmien li jkun daqs dak tal-piena ta' priġunerija mogħtija…..*

*Illi mill-provi u mit-trattazzjoni orali jirrizulta illi l-kontestazzjoni principali hija li meta r-rikorrent ammetta ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu huwa ma qghadx jaghmel distinzjoni fuq liema artikolu huwa kien qieghed jammetti. Meta mbaghad il-Qorti ta' gurisidizzjoni kriminali giet biex tippronunzja s-sentenza, hija kkwotat l-artikoli tal-ligi li dwarhom l-imputat kien qed jigi misjub hati, haga li hija tassattiva biex is-sentenza ma tkunx nulla. Fil-fatt dik il-Qorti ikkwotat, fost artikoli ohra, kemm l-artikou 216 u kemm l-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali. Filwaqt li artikolu 216 jitratta dwar offiza gravi punibbli bi prigunerija minn tliet xhur sa tliet snin, l-artikolu 218 jitratta dwar offiza gravissima punibbli bi prigunerija minn disa' xhur sa disa' snin*

*Ghaldaqstant it-Tribunal irid jezamina jekk abbazi tas-sentenza pronunzjata, l-Awtorita` intimata kinitx gustifikata jew le li tissospendi u tirrevoka t-tag tar-rikorrent abbazi li ma baqghax jissodisfa l-kundizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba. Illi t-Tribunal ma jhossx li hemm wisq lok ghal interpretazzjoni ohra hlief li jaqbel illi l-Awtorita` intimata interpretat u mxiet ma' dak li tiddetta l-ligi. Ladarba fis-sentenza tas-6 ta' Lulju 2016 ir-rikorrent gie misjub hati anke taht l-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali, ftit kien hemm x'tista' taghmel l-Awtorita` hlief li tipprocedi biex tirrevoka l-istess tag".*

4. B'rikors prezentat fit-23 ta' Ottubru, 2017 l-appellant appella mis-sentenza tat-Tribunal, bl-aggravju jkun li l-griehi li jissemmew fil-kawza kriminali deciza fis-6 ta' Lulju 2016, ma kinux jinkwadraw taht l-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali izda taht l-artikolu 216. L-appellata ma kellhiex tapplika r-regolament 11 gialadarba ma saritx prova li l-griehi kienu tax-xorta li jissemmew fl-artikolu 218. Inoltre dan il-kaz kellu jigi kkunsidrat mill-aspett umanitarju.

5. L-appellata wiegbet u tat ir-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud.

6. **<u>Fatti</u>**.

   i. L-appellant xufier tat-taxi.

   ii. Fis-6 ta' Lulju, 2016 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali iddecidiet:

   *"Ghaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(b), 216, **218** u 221 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti, filwaqt li ttenni li qed issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu, tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija izda, billi hija tal-fehma li f'dan il-kaz hemm ragunijiet, fosthom il-fatt li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri u li kkoopera mal-Pulizija, li jaghtu lok ghas-sospensjoni tal-piena karcerarja hawn imposta, a tenur ta' l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, tissospendi it-terminu ta' sentejn (2) prigunerija ghal tliet (3) snin b'effett mid-data ta' din is-sentenza.*

*A tenur ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spiegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilità tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk jikkommetti matul il-perijodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija".*

iii. B'ittra tad-19 ta' Lulju, 2016 l-appellata infurmat lill-appellant li b'dik is-sentenza kien instab hati tar-reat kontemplat fl-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali u ghaldaqstant, *"l-Awtorita' behsiebha tirrevoka t-tag tieghek bhala xufier ta' taxi stante illi inti m'ghadekx tissodisfa l-kundizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba illi hija mehtiega biex tkompli zzomm u tuza l-imsemmija tag a tenur tar-Regolament 14 ta' L.S. 499.59".* L-appellata stiednet lill-appellant biex jaghmel sottomissjonijiet bil-miktub, li fil-fatt saru b'ittra legali tad-29 ta' Lulju, 2016.

iv. B'ittra tal-24 ta' Awissu, 2016 l-appellant kien infurmat li l-appellata kienet qeghda tissospendi l-licenzja tieghu ta' xufier ta' taxi ghall-perjodu ta' sentejn b'effett mis-6 ta' Lulju, 2016, *"…. u dan skont il-provvedimenti tar-Regolament 14(2)(a), il-proviso tar-Regolament 14(3) u r-Regolament 11(A)(e) ta' L.S. 499.59 u tirrevoka l-licenzja tieghek bhala xufier ta' taxi u dan skont il-provvediment tar-Regolament 14(3) u tar-Regolament 11A(1)(a) ta' L.S. 499.59".*

**Konsiderazzjoni.**

7. Skont regolament 11 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.59, wahda mill-kundizzjonijiet sabiex persuna tapplika ghall-permess ta' xufier ta' taxi hi *"(a) ghandha reputazzjoni u kondotta tajba".* Imbaghad regolament 11A jipprovdi c-cirkostanzi li fihom persuna ma titqiesx li tissodisfa l-kundizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba. Dawn kienu jinkludu l-kaz meta l-persuna tkun instabet hatja taht l-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali (ara Avviz Legali 433 tal-2015). Permezz ta' Avviz Legali 126 tal-2018, ir-riferenza ghall-artikolu 218 tnehhiet. Madankollu l-kaz in ezami sehh qabel dahal fis-sehh l-Avviz Legali 126 tal-2018.

8. Ghaldaqstant it-Tribunal kellu jiddeciedi jekk bis-sentenza tas-6 ta' Lulju 2016 l-appellant kienx instab hati tar-reat li jissemma fl-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali. L-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali hu dwar reat ta' offiza gravi fuq il-persuna:

*"(a) jekk tikkaguna debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew iggib difett permanenti f'parti tal-gisem, jew iggib difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem, jew, marda permanenti tal-mohh;*
*(b) jekk iggib sfregju gravi u permanenti fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn tal-offiz;*
*(c) jekk, meta ssir fuq mara tqila, iggibilha l-abbort".*

9. Id-decizjoni li hadet l-Awtorita tat-Trasport hi ovvjament bazata fuq dak li gie deciz bis-sentenza tas-6 ta' Lulju, 2016. M'huwiex il-kompitu tal-qorti li

tiddetermina jekk fil-kawza kriminali kienx hemm bizzejjed provi biex iwasslu ghall-kundanna tal-appellant taht l-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali. Dik hi materja li kellha tara u tiddeciedi dwarha l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

10. L-appellant instab hati li kkaguna feriti gravi fuq Bruno de Bon. Fil-fatt fil-parti dispozittiva l-qorti qalet, *"… filwaqt li ttenni li qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu, tikkundannah….."* Ir-riferenza ghall-artikolu 218 tal-Kodici Kriminal ma saritx ta' xejn. Hu evidenti li l-gudizzju finali tal-qorti kien bazat ukoll fuq dik id-disposizzjoni. Kieku ghal finijiet ta' htija u piena l-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali ma kienx rilevanti, ma kinitx ser toqghod issemmieh fil-parti dispozittiva tas-sentenza. L-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali stess jipprovdi li meta l-qorti taghti s-sentenza, ghandha fost'affarijiet ohra *"ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat"*. Sentenza li hi gudikat u ghalhekk mhux sindakabbli.

11. Dwar l-aggravju li dan kien kaz umanitarju, dan hu fieragh. L-appellant ammetta l-imputazzjonijiet u f'dan l-istadju m'ghandux joqghod jivvinta skuzi ta x'wasslu biex refa' jdejh fuq zewg turisti. Dan it-tip ta' incident hu kundannabbli fih innifsu. Il-qorti ma tistax tifhem kif fl-artikolu 11A(a) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.59 m'hemmx riferenza ghall-artikolu 216 u ricentement tnehhiet ir-riferenza ghall-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali (ara Avviz Legali 126 tal-2018). Dawk huma reati serji hafna li l-qorti m'ghandhiex dubju li ghandhom ikunu nkluzi f'regolament 11A. Dan iktar u iktar f'kaz fejn l-offiza gravi volontarja tkun twettqet fuq persuni li jkunu nqdew bis-servizz tax-xufier tat-taxi. Ghalkemm l-appellant qal li hu persuna ta' fedina penali netta u li qatt ma xellef difrejh mal-gustizja u li ghandu siehba u qeghdin jahsbu ghat-tfal, huma kollha argumenti irrilevanti. It-Tribunal applika l-ligi u ma kellux mod iehor kif jiddeciedi. Il-ligi qeghda hemm biex tigi applikata u l-ghoti ta' twissija mhuwiex kontemplat fiha.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kollha kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.